MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Numru. 235/2007

**Il-Pulizija
(Spettur Josric Mifsud)
vs
Jane Refalo mart Michael u bint George Mizzi u Mary Anne nee' Grech,
imwielda fl-14 ta' Frar, 1965 u residenti Flora Mater, Triq Santa Dminka, Rabat, Ghawdex, detentrici tal-karta tal-identita' numru 8065(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Jane Refalo li giet akkuzata talli nhar il-Hadd 7 ta' Jannar, 2007, ghal habta tal-10:00hrs, fir-Rabat, Ghawdex, minkejja li kienet ordnata mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja b'digriet 27/2006 datat 28 ta' Lulju 2006 u rikors Nru 14/2006 datat 7 ta' Dicembru 2006 sabiex taghti access ta' uliedha Nathaniel u Maria li

qeghdin fil-kustodja taghha lil  zewgha Dr. Michael Refalo MD, irrifjutat li taghmel dan minghajr raguni xierqa.

Semghet il-provi.

Billi jirrizulta illi ma kienx hemmx raguni xierqa l-ghala l-imputata naqset li taghti access tal-minuri ghal uliedu;

Issibha hatja u wara li rat l-artikolu 338 ll tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundannaha gimghatejn detenzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------